# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1517

Kaz Nru. 1723

Fil-Kwistjoni Tax-Xoghol

bejn

Joseph Borg

u

Dowty Automotive (Malta) Limited

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Illum il-Hamis 1 ta' Lulju 2004

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Dr. Lawrence Gonzi, Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata l-11 ta' Novembru 2002 Referenza : MSP/TI/103/2002 sabiex dan il-kaz jigi pprocessat skond Artiklu 28 (2) ta' l-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-Sur Joseph Borg kien assistit mill-Avukat Roberto Montalto LL.D. aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant.

Dowty Automotive (Malta) Limited kienet rapprezentata mis-Sur Ronald Bonnici, H*R. Manager* assistit mill Avukata Veronica W. Galea Debono LL.D. aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta.

It-Tribunal zamm disa' (9) seduti.

**Stqarrija tal-Kaz**

L-appellant fl-Istqarrija tal-Kaz jghid illi beda fl-impieg tieghu mas-socjeta fis-sena 1994. Beda bhala *"press operator";* maz-zmien kien avvanza b'zewg gradi cioe' l-ewwel gie promoss ghall-*"barreling operator"* u sussegwentement ghall-*"finishing operator".* Jghid illi matul iz-zmien fl-impieg kien di natura flessibli hafna a rigward il-qadi ta' dmirijietu, dejjem kellu *performance* impekkabbli kif ukoll relazzjonijiet tajbin hafna mad-dirigenti tas-socjeta.

L-appellant kien fil-fatt involut f'diversi sotto kumitati rigwardanti s-sigurta fuq il-post tax-xoghol. Kien ukoll *"shop steward"* ghall-haddiema tad-Dowty; jahseb illi din il-kariga setghet kienet fattur li wasslitu ghat-tkeccija tieghu fis-sens illi kien hemm xi nies li bdew jirrikorru ghandu minhabba xi lanjanzi taghhom.

Ftit qabel it-tkeccija tieghu l-appellant gie informat illi kien gie sospiz minhabba xi kitba li nstabet ma' hajt. Kien ghalhekk li mar jiehu parir minghand is-Segretarju tat-Taqsima tal-General Workers' Union is-Sur Geitu Mercieca.

Is-Segretarju s-Sur Mercieca bl'ebda mod ma kien appoggja lis-Sur Joseph Borg jew b'xi mod issalvagwardja l-interessi tieghu, anzi beda konstantement jghafsu sabiex jirrizenja. Jaf biss illi xejn minn dan ma sehh anzi kuntrarjament fit-8 ta' Ottubru 2002, gie informat bl-approvazzjoni tar-rizenja tieghu liema rizenja hu qatt ma ta; sostna li jerga jirribadixxi u jichad kategorikament il-fatt illi hu offra ir-rizenja tieghu.

Is-socjeta tghid fl-Istqarrija tal-Kaz taghha illi l-appellant gie impjegat fit-18 ta' April 1994. Fit-12 ta' Gunju 2002 il-*Human Resources Manager* Ronald Bonnici kien beda jistharreg dwar is-*sick leave* li kien qed jiehu l-appellant minhabba li kien jidher illi kien qieghed isir certu abbuz. Il-*Human Resources Manager* kien qabbad lill-Robert Bonavia li kien il-*Manager* ta' l-appellant sabiex ikellmu u jurih li l-*management* kien qieghed jinvestiga dan il-fatt. Kienet ukoll ingibdet l-attenzjoni ta' l-appellant illi ma setax ifalli daqshekk mix-xoghol.

Fit-12 ta' Settembru 2002 l-appellant kien talab permess mill-*Human Resources Manager* biex jiehu "unpaid leave" meta jkollu bzonn (minhabba ragunijiet medici). Il-*Human Resources Manager* kiteb lura lill-appellant u avzah li sa dakinhar fis-sena kurrenti (2002) kien diga ha tnejn u tletin (32) gurnata "sick leave", hamest ijiem (5) "injury leave" u erbat ijiem (4) "unpaid leave" minghajr permess skond il-Ftehim Kollettiv kif ukoll dahal tard tlettax-il (13) darba.

Fit-23 ta' Settembru 2002 ghall-habta tat-8.00 a.m. kienet instabet kitba mal-hajt tal-kamra tal-banju fix-*shop floor* liema kitba kienet tikkonsisti fi kliem oxxen u pastaz u "death threats" kontra l-*Human Resources Manager* Ronald Bonnici. Din il-kitba nstabet minn impjegat iehor Karmenu Micallef li kien mill-ewwel avza s-superjuri tieghu b'dak li kien sab u mill-ewwel ittiehdu ritratti ta' din il-kitba.

Is-socjeta mill-ewwel qabdet lill-Espert Kaligrafu Joseph Gaffero sabiex ihejji rapport dwar jekk il-kaligrafija fuq il-hajt kienetx taqbel ma' dik ta' l-appellant stante li l-appellant kien il-persuna suspettata li kiteb dan il-kliem.

Fis-26 ta' Settembru 2002 l-appellant gie mghajjat f'laqgha quddiem Jonathan Sammut, *HR Executive,* Charles Flask, *Manager* ta' l-appellant u Kenneth Cassar, *Site Co-ordinator.* L-appellant assistit minn Frans Burnell, *Shop Steward,* gie mgharraf bis-sejba tal-kitba fuq il-hajt u r-rapport ta' l-Espert Kaligrafu. Bil-fatti s-socjeta kellha bizzejjed provi li l-appellant kien

responsabbli ta' dak il-kliem ta' theddid u li kien ser jigi sospiz sakemm jittiehdu l-proceduri kontra tieghu. Rinfaccat b'dan kollu l-appellant beda jidghi u jichad kollox.

Gie mgharraf b'dan il-kaz is-Segretarju tat-Taqsima tal-General Workers' Union is-Sur Geitu Mercieca fejn wara saret laqgha mal-*management* tas-socjeta. Is-Sur Mercieca avza lill-*management* illi l-appellant baqa' jichad kollox. Huwa talab li l-impieg ta' l-appellant jigi tterminat minhabba ragunijiet ta' sahha u li s-socjeta thallas lill-appellant tmien gimghat paga *ex-gratia*. Is-socjeta ma laqghetx din it-talba u anzi sostniet li kienet ser tiehu l-passi kriminali mehtiega.

Fis-7 ta' Ottubru 2002 is-Sur Geitu Mercieca kien ittelefona lill-*Operations Director* tas-socjeta Marc Butler u qallu li l-appellant kien bi hsiebu jirrizenja. Dakinhar stess l-appellant cempel lill-*HR Executive* u qallu li ghalkemm kien ser jirrizenja talab li jigi mnizzel bhala "redundant" sabiex ikun jista' jirregistra ghax-xoghol; is-socjeta ma accettatx.

**Xhieda**

Xhedu s-segwenti Sinjuri: Ronald Bonnici, *Human Resources Manager,* Joseph Gaffiero, *Espert Kaligrafu,* Nicholas Xuereb, *Finance Director,* Robert Cutajar, *Financial Controller,* Jonathan Sammut, *Human Recources Executive,* Marc Butler, *Operations Director,* Geitu Mercieca, *Segretarju Sezzjonali General Workers' Union,* Kenneth Cassar, *Site Co-ordinator,* Robert Bonavia, *Operations Manager,* Cedric Mamo *Business Manager* u Joseph Borg, *l-Appellant.*

Is-Sur Ronald Bonnici, *Human Resources Manager,* jghid fix-xhieda tieghu illi ilu f'din il-kariga minn Ottubru 2001, spiega kif kien gie impjegat l-appellant matul iz-zmien tieghu mas-socjeta. Gie impjegat fit-18 ta' April 1994 bhala *Press Operator.* F'Gunju tas-sena 1996 gie promoss ghal

*Panelling Operator.* Fiz-17 ta' Marzu 1997 kien gie msejjah fl-ufficcju tal-*Human Resources* fejn gie diskuss l-attendenza tieghu. Gie informat illi li jigi ripetutament tard ghax-xoghol ("repeated lateness") ma hux accettat anki skond il-Ftehim Kollettiv u gie imwissi illi jekk ma jirrangax, 'l quddiem tittiehed azzjoni dixxiplinarji kontra tieghu.

Fl-14 ta' Awissu 2001 meta l-appellant kien *shop steward* il-paga ma kienetx hargitlu fil-hin u beda jeheded li "l-kumpanija kienet ser issofri danni, hafna izjed milli jista' jsoffri hu"

Ix-xhud qal illi matul iz-zmien kien jiehu "unpaid leave" u "sick leave" aktar minn normal, kien ikun arroganti u kien ta' xejn li kien jigi mwissi. Meta kien gie lura mis-safar sar jaf li kienu sabu kitba mal-hajt tat-*toilet* liema kitba kienet anki tammonta ghal "death threats" fuq hajtu.

Is-Sur Joseph Gaffiero, *Espert Kaligrafu,* jghid fix-xhieda tieghu illi ghamel l-istharrig dwar il-kitba fuq il-hajt tat-*toilet* mid-dokumentazzjoni li fornitu s-socjeta fuq talba li hu ghamel sabiex ikollu xi ittra miktuba mill-persuna li fuqha s-socjeta tefghet is-suspetti kollha taghha. Is-Sur J. Gaffiero seta jghamel il-paraguni necessarji tad-dokumenti li nghata, mad-diversi ritratti li kienu juru l-kitba mal-hajt. Mill-ezamijiet li ghamel qal li nehha kull dubju li seta' kellu; is-Sur J. Gaffiero qal li wasal ghall-konkluzzjoni wara li kien cert li disghajn fil-mijja tal-paraguni kienu qablu; huwa qal li kkonkluda li ma kellu l-ebda dubju li l-kitba kienet saret mill-istess bniedem.

Is-Sur Nicholas Xuereb, *Financial Director,* xehed illi ilu mas-socjeta mill-1 ta' Mejju 1999, fil-15 ta' Frar 2000 gie appuntat *Finance Director.* Qal wkoll illi kien hu li ha r-ritratti tal-kitba mal-hajt u assigura li r-ritratti esebiti huma dawk li ha hu. Kien hu li cempel lis-Sur Gaffiero u talbu jekk kienx dispost jghamel l-ezami tal-kitba.

Is-Sur Robert Cutajar, *Financial Controller,* xehed illi l-pagi jithallsu kull hmistax nhar ta' Erbgha; kien kaz illi fl-14 ta' Awissu 2001 "inzerta Santa

Maria u ma stajniex inhallsu" "ghax il-Banek ikunu maghluqin". L-appellant kien mar ghand is-Sur Cutajar u ried li jithallas it-Tlieta u dan kien qallu li ma setax ikun. L-appellant beda jargumenta ghax kien ser jehel xi nteressi billi, kif spjega, kellu xi problemi ta' uzura u qallu, "Dawn il-hames liri, ghaxar liri li ha nitlef jiena, il-kumpanija ha thallasha bil-kbir, ha thallas hafna aktar ghaliha".

Is-Sur Jonathan Sammut, *Human Resources Executive,* xehed illi fis-7 ta' Ottubru 2002 l-appellant cempel biex ikellem lil *HR Manager* is-Sur Ronald Bonnici pero s-Sur Bonnici ma kienx qieghed hemmhekk u fl-assenza tieghu ghaddew it-telefonata lilu. L-appellant qallu li kien tkellem mas-Segretarju tat-Taqsima ta' l-Union is-Sur Geitu Mercieca u kienu iddecidew li kien fl-interess tieghu li jirrizenja minn xogholu. Fuq mistoqsija dwar jekk kienx l-appellant li qal dan il-kliem ix-xhud qal, "iva qalu hu u lehnu stajt ngharfu car". Qal illi l-appellant pero xtaq illi minnflok li jitnizzel li huwa rrizenja minn xogholu, jitnizzel bhala "redundant" biex wara jkun jista' jikklejmja l-beneficcji socjali.

Ix-xhud qal ukoll illi wara t-telefonata tkellem mal-*H.R. Manager* u imbaghad cempel lura lill-appellant biex informah illi s-socjeta tixtieq li tircievi r-rizenja li ghamel bil-fomm tkun bil-kitba. L-appellant qallu li ghandu jmur ihalli r-rizenja bil-miktub "mar-*reception*". Gara pero illi rrizenja qatt ma waslet. Mistoqsi mid-difensur ta' l-appellant jekk fit-fatt dan bghatx dokument bil-miktub li ghamililhom cara li ma rrizenjax, ix-xhud qal, "iva naf li rcevejna dokument."

Is-Sur Marc Butler, *Operations Director,* xehed illi fis-socjeta kollox irid jghaddi minn ghandu. Sar jaf illi kien hemm incident ta' kitba, "graffiti", fuq il-hitan tat-*toilets*, b' "death threats" lill-*H.R. Manager*. Qal li hu jara dan bhala kaz serju hafna hafna u li gie msejjah Kaligrafu kkwalifikat. Mill-evidenza li harget mill-Kaligrafu rrizulta li kien Joseph Borg l-appellant li b' idejh kiteb it-theddid. Qal wkoll li insista li ghandha tittiehed dixxiplina fejn minnha johorgu r-rizultati. Ix-xhud qal illi fit-30 ta' Settembru 2002 kien ircieva *e-mail* minghand is-Sur Geitu Mercieca tal-General Workers' Union fejn talab ghal

perjodu itwal milli jghid il-Ftehim Kollettiv biex jkun jista' jiccekkja dak li qal il-Kaligrafu. Darba ohra fit-2 ta' Ottubru 2002 is-Sur Mercieca staqsa jekk jistghux jitterminawh minhabba sahha u jhallsu lill-appellant tmien (8) gimghat *notice*. Ix-xhud qal li dan miktub fil-*file*. Is-Sur Butler qal li hu assolutament irrifjuta din it-talba u ried illi l-kumpanija topera mal-ligi ghaliex dan kien kaz ta' natura serja hafna.

Is-Sur Butler kompla jghid illi fis-7 ta' Ottubru 2002 kellu telefonata minghand is-Sur Mercieca fejn qallu li kien qed jitkellem ma' l-appellant fejn qallu illi jekk is-socjeta twaqqaf il-proceduri legali kontra tieghu u wkoll tghatieh "clean record" hu (l-appellant) kien qed joffri li jmur u jirrizenja f'dik il-gurnata. Is-Sur Butler qal illi permess ta' relazzjonijiet tajba ma' l-Union accetta r-rizenja ta' l-appellant u kien waqqaf il-proceduri dixxiplinarji. Kien qal lid-Department tal-*Human Resources* li l-appellant kellu jmur dakinhar, li ser jirrizenja u li ghandhom jaccettaw ir-rizenja. L-appellant baqa ma marx bl-ittra tar-rizenja; fit-8 ta' Ottubru 2002 ghalhekk is-Sur Butler kellem lill-*H.R. Department* biex jaccettaw ir-rizenja verbali tieghu u johorgulu il-karti necessarji.

Fil-21 ta' Ottubru 2002 is-Sur Butler ircieva ittra minghand Dr. Hose' Herrera LL.D. li bazikament kienet "pleading Joe Borg's good character" Fir-risposta tieghu lill-Avukat qallu, "if Joe Borg was not resigning then could you please tell me that so that we could reinstate, reintroduce the procedures, the disciplinary procedures."

Is-Sur Geitu Mercieca, *Segretarju tat-Taqsima Kimika tal-General Workers' Union,* xehed illi l-appellant kien *shop steward tal-General Workers' Union,* qal li jaf li kien inqala xi kaz fejn kien imsemmi bhala li kien hu. Imma s-Sur Borg dejjem cahad fuq dak ir-rigward. Is-socjeta kienet issospendiet lill-appellant u dan kien mar ghandu bhala Segretarju. Qal illi l-appellant kellu pariri ta' l-avukat tieghu u qallu li l-union ghandha l-avukati taghha u hu (l-appellant) kellu jiddeciedi jekk jibghawx jirraprezentawh huma jew l-avukat personali tieghu. Il-kaz li kien sospendut fuqu kien rigward xi kitba f'xi *toilet*

fejn f'dan ir-rigward is-socjeta kienet qed tinformhom illi tista' tiehu passi kriminali. Qal wkoll li jekk fil-kaz jidhlu l-pulizija huma ma jistghux jinvolvu ruhom fil-kaz. Is-socjeta kienu bghatu r-ritratti lil Union bil-kitba u xi ittri pero l-appellant ma baqghax imur ghandu kontinwament jinformah bil-process. Qal li hu ipprova ma' l-appellant biex jippruvaw isibu soluzzjoni ghax, qal is-Sur Geitu Mercieca, meta haddiem ikun imkecci jkun hemm certu *pressure* fuqu minhabba li ma jkunx jaf se jigri minnu. Ix-xhud qal li hu bhala Segretarju f'kaz bhal dan bil-haddiem bla xoghol avolja l-appellant dejjem baqa jichad, ikun irid jara jistghax jasal ghal xi alternattiva ohra, jipprova jikkonvinci lill-haddiem sabiex jekk ikun possibbli b'xi mod isibu soluzzjoni. L-appellant flimkien mieghu, qal ix-xhud, bdew jersqu li jsibu xi soluzzjoni li tkun tista' tigi mresqa lis-socjeta. L-appellant ghamel xi ftit taz-zmien ma jmurx ghandu u huwa ma agixxa xejn sa kemm l-appellant ma werghiex li riedu jagixxi ghan-nom tieghu. Hu dejjem tkellem mas-Sur Butler, *Operations Director,* dwar kif isibu mod biex l-appellant johrog b' *clean sheet* u jkun jista' ma jbatix. Sostna illi kieku l-appellant ma qallux biex ikompli jagixxi, ma kienx ikompli; minghajr ix-xewqa ta' l-appellant ma kienx ser ikompli. Fuq mistoqsija tad-difensur tas-socjeta dwar kif spiega lis-Sur Butler, ix-xhud qal li qallu li hemm cans li l-appellant jirrizenja. Il-hsieb tieghu bhala Segretarju kien li jiehu jekk jista' t-*terminatiion* biex l-appellant ikun jista' jirregistra. Is-Sur Mercieca qal li l-appellant ma kellux l-intenzjoni li jitlaq ghax tkecca tant li fil-bidu mas-socjeta beda jinnegozja li jigi *redundant.*

Is-Sur Kenneth Cassar, *Site Co-ordinator,* xehed illi wiehed mill-*cleaners* kien informah bil-kitba mal-hajt fit-*toilets.* Mar jara u peress li l-kitba kienet daqxejn ingurjuza kontra s-Sur Bonnici informa lis-Sur Nick Xuereb li kien mar u ha xi ritratti fil-prezenza tieghu; is-Sur Xuereb kien bghatu tas-Sliema bir-ritratti u hadu mieghu l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi.

Is-Sur Robert Bonavia, xehed illi kien *Operations Manager* ta' l-appellant minn Settembru 2001 sa Awissu 2002. Qal li bhala haddiem l-appellant kien ifalli hafna u jigi tard ghax-xoghol. Ix-xhud qal li l-*foreman* ta' l-appellant kien hariglu *warning.* Ix-xhud qal illi ricentement kien qieghed l-Axis u l-appellant

mar fuqu u qallu, "ahna ghadna l-Qorti maghkom ta, imma ha nirbhilkom". Inti wiehed li ghamiltli l-hsara, imma tasal tieghek ukoll ta' ". Ix-xhud qal ukoll li din kienet it-tieni darba li heddu meta jkun fl-*Axis*.

Is-Sur Cedric Mamo, *Business Manager,* qal fix-xhieda tieghu illi l-appellant kien jaqa' taht is-Sur Bonavia; huma kienu jigbdu l-attenzjoni ta' l-appellant dwar il-*lateness* u l-*unpaid leave* li kien ikun sostanzjali.

Is-Sur Joseph Borg, *l-Appellant,* xehed illi kien dahal jahdem mas-socjeta fit-18 ta' April 1994 u tkecca fl-4 ta' Ottubru 2001. Meta tkecca kien fil-kariga ta' *Finishing Operator.* Fl-ahhar tliet snin kien ukoll *shop steward tal-GWU.* Qal li sakemm ma kienx *shop steward* ma kellux problemi hlief li kien hemm *verbal warning* fuq *lateness.* Il-kariga ta' *shop steward* kienet qed tresqu hafna vicin il-*management* bil-problemi li jresqu l-haddiema. Dejjem ghamel mill-ahjar biex isib kompromess pero maz-zmien x-xoghol tieghu ma ntoghogobx minn naha tal-*management.* Sostna li l-incidenti bdew meta beda fil-kariga ta' *Human Resources Executive* is-Sur Ronald Bonnici. Kien hemm kaz fejn kienu ghamlu zjara f'kumpanija ohra u l-appellant qabbad sigarett fit-*toilet* u s-Sur Ronald Bonnici qallu li hemm "no smoking area". Wara marru go dipartiment iehor u wrieh pupu u qallu "dak qed tisirqu?" Appena marru l-fabbrika taghhom tah karta u l-appellant staqsieh jekk hix *warning*, qallu le ma hix *warning* izda qallu li ta wahda bhala lis-Sur Geitu Mercieca.

L-appellant kompla jghid li s-Sur Mercieca kien iddecieda li jzomm laqgha mal-*management*, il-laqgha kellha issir it-Tnejn, il-Hamis ta' qabel qalulu li huwa sospiz fuq xi kitba fit-*toilet.* Sostna li din il-kitba qatt ma ra u ghadu sal-lum ma rahiex. Is-Sur Borg qal li kull ma kien jaf kien illi l-assistent tas-Sur Ronald Bonnici informah li kien hemm kitba fit-*toilet* b' "death threats" u xi kliem oxxen. L-appellant qal li kien gie intervistat mill-Pulizija izda l-kaz qal li waqaf. Wara xi granet kien ircieva karta mis-socjeta li tghid li hu rrizenja. Minn naha tieghu l-appellant isostni li hu fl-ebda hin ma rrizenja. Mistoqsi mid-difensur tieghu jekk hu qattx offra rrizenja tieghu, rrisponda u

qal illi kien ser jiehu tmien gimghat *notice* ghax qal li "wara disa' snin servizz kien haqqni tmien gimghat *notice* u nkun nista' nirregistra *part one*", kompla jghid li kienet importanti ghalih li jsib *job* iehor malajr."; l-avukati privati tieghu kienu talbu wkoll biex is-socjeta tikkunsidra l-kaz.

**Trattazzjoni Finali**

Is-socjeta tghid illi l-kaz hu f'zewg partijiet, il-parti rigward il-kwistjonijiet tal-kitba fuq il-hajt u l-parti ta' abbuzi ta' *sick leave*, *unpaid leave* u affarijiet ohra; illi kien hemm dizgwid specjalment bejn il-*Human Resources Department* u l-appellant. Il-kaz ta' meta nstabet il-kitba s-socjeta minn kwazi elf ruh impjegati mill-ewwel gihom suspett illi kien l-appellant. Is-suspett gie minhabba certu attaggjament ta' l-appellant u s-sitwazzjoni dwar id-"dead threats" u kliem oxxen versus il-*Human Resources Manager*. Gie ghalhekk imqabbad Espert Kaligrafu biex jinvestiga u jezamina l-kitba li kien hemm mal-hajt jekk hijiex l-istess kitba ta' l-appellant. L-Espert Kaligrafu s-Sur Gaffiero fir-rapport tieghu qal, "ma ghandi l-ebda dubbju li din il-kitba kienet ta' l-appellant." Is-socjeta tghid illi kien minn hawnhekk bdiet tiehu l-proceduri li kellha tiehu biex l-impieg ta' l-appellant jigi tterminat. Riedet ukoll tara x'riedu jaghmlu l-General Workers' Union f' dak il-mument peress li kienu qeghdin jiddefendu u jaqbzu ghall-appellant. Il-Union ippruvaw jinnegozjaw mas-socjeta illi l-impieg jigi tterminat ghall-*redundancy* halli l-appellant ikun jista' jerga japplika ghal xoghol iehor; is-socjeta rrifjutat li tilqa din it-talba ta' *redundancy*. Is-socjeta mill-bidu nett tal-kaz mal-General Workers' Union ghamlet il-kaz tal-kitba mal-hajt bhala kaz li jammonta ghall-tkeccija avolja l-appellant dejjem sostna li ma kienx hu li kiteb. Is-Segretarju ta' l-Union is-Sur Geitu Mercieca ikkundanna dak li sar u kien talab li jinghata ftit zmien halli jkun jista' jara kif tista' tinstab soluzzjoni sabiex tigi solvuta din il-problema; tant illi kien is-Sur Mercieca li cempel lis-Sur Marc Butler u qallu "se jirrizenja" u s-Sur Butler accetta r-rizenja. Is-socjeta argumentat illi l-qofol ta' dan kollu hu jekk l-appellant irrizenjax jew tkecca; tghid is-socjeta illi l-fatt li rrizenja hu car avolja l-appellant jghid li hu qatt ma rrizenja.

L-appellant jghid illi fl-impieg tieghu fis-socjeta kien mill-ahjar sa kemm saru certi bidliet fil-*management*. Mal-bidliet feggew u saru xi incidenti. Bazikament f' dan il-kaz is-socjeta qed tghid illi l-appellant irrizenja. Mill-ewwel darba li kien informat biha l-appellant ikkontesta bil-mezzi kollha li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu din l-allegazzjoni ta' rizenja. Kienet l-ewwel ittra da parti tal-konsulenti legali tieghu fejn talbu lis-socjeta tindirizza din il-problema ta' disgwid u mizinterpretazzjoni.

L-appellant isostni li ghandu "a just cause" ghax hu qatt ma rrizenja; kull ma gew msemmija huma l-ewwel incident f'*outing* ta' l-impjegati go fabbrika tal-Playmobil li kien jinvolvi tipjip ta' sigarett, it-tieni meta kien ipprezenta ruhu ghax-xoghol b'mod tardiv repetutament u t-tielet il-kitba fit-*toilet*. Fir-rigward tal-kitba fit-*toilet* l-appellant qatt ma rah, l-anqas is-socjeta ma ndenjawx ruhom li johduh jara l-kitba mal-hajt jew sarulu xi forma ta' mistoqsijiet, xejn ma sar. L-Espert Kaligrafu ukoll din il-kitba qatt ma rah. Jirrizulta li s-Sur Gaffiero, l-Espert Kaligrafu nghata xi ritratti. L-appellant argumenta billi qal illi f'kaz li ma hemmx *resignation* hemm *just cause* meta l-Kaligrafu ma eccediex ghal fuq il-post biex jara il-kitba.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan il-kaz bazikament huwa kompost minn zewg akkuzi wahda dwar *sick leave* u *unpaid leave* esagerat u l-ohra dwar kitba b' "death threats" u kliem oxxen u pastaz ma' hajt fit-*toilet* tas-socjeta kontra l-*Human Resources Manager* Ronald Bonnici. Fir-rigward ta' l-ewwel akkuza l-*Human Resources Manager* kien kiteb lill-appellant peress li dan kien talab permess biex jiehu "unpaid leave" meta jkollu bzonn (minhabba ragunijiet medici) u kien anzi talab li jiehu "unpaid leave" immedjatament ta' jumejn. Il-*Human Resources Manager* kien bghat jghidlu illi sa dakinhar fis-sena kurrenti (2002) kien diga ha tnejn u tletin (32) gurnata "sick leave", hamest (5) ijiem

"injury leave" u erbat (4) ijiem "unpaid leave" minghajr permess tal-*Human Resources Manager* skond il-Ftehim Kollettiv u kien dahal tard tlettax-il (13) darba. Kien ukoll mitlub illi ghal jumejn (2) "unpaid leave" kellu jipprovdi certifikat minghand it-tabib tieghu, jispjega ghaliex kellu jiehu dawn il-jumejn "off"

It-Tribunal jara illi l-impjegati ghandhom il-Ftehim Kollettiv li jirregola t-tmexxija bejn is-socjeta u l-haddiema. L-appellant kien gie imwissi mill-*Human Resources Manager* illi kien diga ha tnejn u tletin (32) gurnata "sick leave" minghajr permess. Fil-Ftehim Kollettiv para. 22 "Sickness" jghid hekk; *"Any employee considered to be abusing the scheme, will receive a formal warning or suspension in the presence of the shop steward. Further abuses may result in dismissal"*

Fir-rigward ta' "unpaid leave" fil-Ftehim Kollettiv para. 32 "Annual Paid Leave" sub-heading "Optional Leave" jghid hekk; *"Additional leave may be granted paid or unpaid, on compassionate grounds or in cases where employees have the opportunity of education advancement abroad or where employees are officially representing the country in a main sport event etc."*
"

Li l-appellant hu wkoll *shop steward* tal-General Workers' Union zgur ma jhalli l-ebda dubju illi jaf sewwa bhala rapprezentant tal-haddiema fix-*shop floor* x'jghid il-Ftehim Kollettiv. L-appellant xehed illi bhala *shop steward* kien ikollu hafna kuntatti mal-haddiema u mal-*management*. Kellu ghalhekk ikun aktar responsabbli f'ghemilu biex ikun ta' exempju tajjeb ghall-haddiema li jirraprezenta.

Mehud fil-konsiderazzjoni sew il-kwistjonijiet dwar l-*unpaid leave* u ukoll is-*sickness* hu bizzejjed illi huma azzjonijiet ta' nuqqas gravi biex impjegat jigi mkecci. B'zieda ma' dawn l-appellant kellu wkoll numru ta' okkazzjonijiet li jasal tard ghax-xoghol, "lateness".

It-tieni akkuza hi dwar kitba mal-hajt f'*toilet* tas-socjeta b' "death threats" u kliem oxxen u pastaz kontra s-Sur Ronald Bonnici, *Human Resources Manager*. Appena l-appellant gie avvicinat u akkuzat mis-socjeta b'dan il-kaz mill-ewwel avvicina lis-Segretarju tat-Taqsima tal-General Workers' Union is-Sur Geitu Mercieca. Mix-xhieda tas-Sur Mercieca irrizulta illi ghamel il-kuntatti mas-socjeta, liema kuntatti kienu ma' l-ghola awtorita l-*Operations Director* is-Sur Marc Butler. Is-Sur Mercieca xehed illi pprova ma' l-appellant biex isibu soluzzjoni halli dan ma jispiccax mix-xoghol u ma jkunx jista' jirregistra. Ipprova jghamel kull mezz possibli tant illi talab lis-Sur Butler biex jigi *redundant*. Is-Sur Butler ma accettax li jigi *redundant* pero b'danakollu s-Sur Mercieca talab li jinghata tmien gimghat paga u jirrizenja. Is-Sur Mercieca qal illi hu qatt ma ghamel pass li ma kienx bi ftehim ma' l-appellant. L-appellant fl-istess zmien kien qed jitratta l-kaz ma' l-avukati privati tieghu li kienu bdew kuntatti mas-socjeta. F'dan l-istadju is-Segretarju jghid illi l-appellant qata' minn ma' l-union.

l-avukat difensur ta' l-appellant ittratta l-kaz tal-kitba mal-hajt matul is-smiegh tal-kaz u sostna illi l-appellant qatt ma ta r-rizenja tieghu lis-socjeta.

It-Tribunal jara illi l-appellant mexa b'zewg toroq. L-ewwel ha l-kaz ma' l-union permess tas-Segretarju tat-Taqsima tal-GWU fejn waslu mas-Sur Butler sa l-istadju ta' ftehim; meta is-Sur Mercieca xehed li kien iddecieda mas-Sur Butler illi l-appellant kellu jmur bir-rizenja dakinhar li tkellmu u jhallijha ghand ir-*reception* tas-socjeta, liema rizenja l-appellant ma ghamilx. Fl-istess waqt kien hemm l-avukati tieghu f'kuntatti mas-socjeta. Huwa fatt accettat illi l-appellant qatt ma ta r-rizenja tieghu lis-socjeta pero ma jistghax ma jigix innotat dak li qal is-Sur Geitu Mercieca fix-xhieda tieghu meta qal, "kieku jiena ma kellix l-affarijiet li l-haddiem jghidli 'kompli' ma kontx inkompli".

Il-qofol ta' dan il-kaz huwa jekk l-appellant irrizenjax jew tkecca. Ma hux il-kaz biss tal-kitba mal-hajt fit-*toilet* ghaliex is-socjeta fl-Istqarrija tal-Kaz taghha ghamlet ukoll il-kaz fuq *sick leave*, *late attendance* u *unpaid leave*.

Dawn l-akkuzi apparti il-kitba mal-hajt huma gravi bizzejjed li jwasslu ghat-tkeccija mehud fil-kunsiderazzjoni illi l-appellant kellu l-kariga ta' *shop steward,* kariga li titlob sens ta' ezempju u dixxiplina kontinwa lejn shabu l-haddiema li jirraprezenta. Ghal-kitba mal-hajt fit-*toilet* hu kkunsidrat illi fiz-zmien meta kienu qed isiru t-trattattivi bejn il-union u s-socjeta kien hemm ammissjoni f'isem l-appellant meta s-Segretarju ta' l-union ghamel talba biex l-appellant jigi *redundant*, wara li t-talba ghal *redundancy* ma intlaqghatx intlahaq ftehim mas-Sur Butler il l-appellant se jghamel ir-rizenja. Li l-appellant jghid li hu qatt ma ghamel rizenja ghandu jittiehed fil-kuntest ta' dak kollu li ghadda bejnu u bejn is-Segretarju tat-Taqsima tal-GWU is-Sur Geitu Mercieca. L'anqas ma jista' jigi skartat dak li qal l-Espert Kaligrafu s-Sur Joseph Gaffiero meta kien qed jixhed dwar l-ezamijiet li ghamel meta qal, "Ma ghandi l-ebda dubju li hu l-istess bnediem."

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra d-dokumenti esebiti, evalwa x-xhieda prodotta kollha tal-kaz u kkunsidra t-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta u jiddeciedi illi t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant kienet ghar-raguni gusta u sufficjenti.

Ghal fini ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**
**Chairman**

Kaz Nru 1723
Dec Nru 1517